StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2009

Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Ewwel Sena** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**Taqsima A**

Wieġeb VERU jew FALZ għal dawn il-mistoqsijiet **KOLLHA** li ġejjin:

1. Eżempju ta' aġent tas-soċjalizzazzjoni primarja hija l-iskola. Veru/Falz (2 marki)

2. Familja simetrika hija waħda fejn il-ġenituri jaqsmu ndaqs bejniethom ir-responsabbiltajiet tagħhom. Veru/Falz (2 marki)

3. Interazzjoni soċjali tfisser kif il-bnedmin jgħixu ma' xulxin fis-soċjetà tagħhom. Veru/Falz (2 marki)

4. Edukazzjoni formali tfisser dak kollu li nitgħallmu mill-iskola, bħas-suġġetti. Veru/Falz (2 marki)

5. Meta ngħidu "żoni ħodor" qed nirreferu għal dawk iż-żoni fejn wieħed jista' jibni. Veru/Falz (2 marki)

6. Ambjent naturali tfisser il-bini li nsibu fl-irħula tagħna. Veru/Falz (2 marki)

7. Il-festa tar-raħal hija eżempju ta' tradizzjoni antika Maltija. Veru/Falz (2 marki)

8. Il-familja hija l-aktar grupp bażiku ta' bnedmin. Veru/Falz (2 marki)

9. Jekk jien inwaqqa' ħajt tas-sejjieħ inkun qed nagħmel ħsara lill-ambjent. Veru/Falz (2 marki)

10. *Peer group* tfisser grupp ta' persuni li ma jaqblu f'xejn. Veru/Falz (2 marki)

**Total: 10 x 2 marki = 20 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

Mill-**Kolonna A** sib dawk il-frażijiet li jaqblu ma' dawk tal-**Kolonna B**. Niżżel in-numru tal-kull frażi tal-**Kolonna A** fit-tieni kolonna.

| KOLONNA A | Numru | KOLONNA B |
|---|---|---|
| 1. Ir-raħal Malti huwa ġawhra | | juri kif kienu jgħixu r-raħħala tal-imgħoddi. |
| 2. Ħafna rħula Maltin għandhom | | ta' storja, kultura u ħajja. |
| 3. Il-ħajja fir-raħal Malti u Għawdxi | | storja li tmur lura għal mijiet kbar ta' snin. |
| 4. Fir-raħal Malti l-festa tal-qaddis | | hija attiva ħafna. |
| 5. Ir-razzett Malti | | tingħata ħafna importanza. |

**Total: 5 x 2 marki = 10 marki**

**Taqsima Ċ**

Wieġeb il-mistoqsijiet **KOLLHA** li ġejjin billi tagħżel il-frażi li taħseb hija tajba:

1. X'inhi familja?
   a. il-grupp l-aktar bażiku ta' bnedmin
   b. grupp ta' nies li jaħdmu flimkien
   c. grupp ta' bnedmin li jiftiehmu bejniehom dwar xi biċċa xogħol. (2 marki)

2. Xi tfisser il-frażi *ġenituri sħab fid-drittijiet u responsabbiltajiet familjari*?
   a. ġenituri li ma jafux x'iridu jagħmlu għal uliedhom
   b. ġenituri li joħorġu lil uliedhom dawra sabiħa
   c. ġenituri li jaqsmu x-xogħol tal-familja bejniethom indaqs. (2 marki)

3. X'inhi edukazzjoni informali?
   a. dak kollu li nitgħallmu mill-iskola
   b. dak kollu li nitgħallmu f'kull waqt ta' ħajjitna minn ħbieb, familja, għaqdiet, eċċ
   c. l-eżamijiet tal-aħħar tas-sena (2 marki)

4. Dawn li ġejjin huma importanti fl-edukazzjoni formali tagħna:
   a. l-għalliema
   b. il-ħbieb
   c. il-kollegi tax-xogħol. (2 marki)

5. Persuna li ma taqbilx ma dak li ngħid jien
   a. ma jistax ikun ħabib tiegħi
   b. huwa parti mill-edukazzjoni informali tagħna
   c. huwa parti mill-edukazzjoni formali tagħna. (2 marki)

**Total: 5 x 2 = 10 marki**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima D**

Ikteb mill-ġdid din is-silta billi timla l-ispazji vojta **KOLLHA** bil-kliem li jidher hawn taħt.

| |
|---|
| id-dettalji personali, websajts, żvantaġġi, qrib, nikkomunikaw, relazzjonijiet, komunikazzjoni, edukazzjoni, it-telefon, tajba |

Meta żewġ persuni jew aktar jitkellmu bejniethom din tissejjaħ __________________. Aħna nistgħu ______________ ma' ħaddieħor b'diversi mezzi, bħat-televiżjoni, ______________, l-internet u r-radju. B'dawn il-mezzi aħna nistgħu nibnu __________________. Għalina t-tfal, l-internet jista' jkollu ħafna vantaġġi u ______________. L-internet huwa għodda tajba ħafna fl-_____________________ tagħna. L-internet jgħin ukoll biex il-bnedmin kollha tad-dinja jħossuhom aktar ________________ xulxin. L-informazzjoni li tara jew taqra fuq l-internet issibha fuq dawk li jissejħu _____________________. Għandi noqgħod attent ħafna kif nuża l-internet għaliex ċerta informazzjoni ma tkunx _________________ għat-tfal. Qatt m'għandi nagħti _______________________________ tiegħi fuq l-internet, speċjalment lil persuni li jien ma nafhomx.

**Total: 10 x 2 marki = 20 marka**

**Taqsima E**

**Ikteb paragrafu ta' madwar 40 kelma fuq kull wieħed minn dawn li ġejjin:**

a. L-importanza tal-iskola għall-ħajja tagħna. (10 marki)
b. Ir-rwol tan-nanniet fil-familja tagħna llum. (10 marki)
c. Il-bniedem ma jistax jgħix waħdu. (10 marki)
d. Kif nieħu ħsieb aħjar l-ambjent naturali u storiku tar-raħal tiegħi. (10 marki)

**Total: 40 marka**

**Total: 100 marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers